**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 28 t' Awwissu 2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**(Spettur Wayne Bonello)**

**vs**

**Barham Hadzh Hebo Hamud**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Barham Hadzh Hebo Hamud, ta' wieħed u għoxrin sena (21), iben Hamud u Amad nee Shamo, imwieled is-Sirja, nhar it-tlieta (3) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003), bla residenza fissa ġewwa Malta u detentur tal-karta tal-identita' Bulgara bin-numru 0341036501

Akkuzat talli bejn nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) fil-ħdax (23:00) ta' filgħaxija u s-sebgħa u għoxrin (27) ta' Awwissu tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) fin-nofs siegħa (12:30) fi Triq L-Iżbark tat-Torok, Birżebbuġia u/jew ġewwa bnadi oħra f'dawn il-gżejjer Maltin:

1. Ikkommetta s-serq ta’ vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni PHI 121 tal-għamla Toyota Corolla Axio ta’ lewn abjad, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeċċedi s-somma ta’ elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-dannu ta’ Basel Sheikh Ahmad;

2. Talli saq il-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni PHI 121 tal-għamla Toyota Corolla Axio ta’ lewn abjad mingħajr ma kellu fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni;

Il-Qorti giet mitluba fil-każ ta` ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, toħroġ Ordni ta’ Protezzjoni kontra l-imputat sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-vittma u f’każ ta’ ħtija hija ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta’ tal-persuna offiża ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

4. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta’ numru ta’ snin habs u skwalifika tal-licenzja tas-sewqan u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

8. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u irregistra ammissjoni bikrija, u ghalhekk ma heliex il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

9. Jirrizulta wkoll li l-karozza misruqa giet ritornata minghajr danni lid-derubat qabel inbdew dawn il-proceduri u li l-imputat iddispjacieh minn dak li ghamel, u skuza ruhu. Fil-fatt, il-Prosekuzzjoni ma insistietx li tinhareg ordni ta' trazzin fil-konfront tal-imputat.

**Konkluzjoni**

10. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Wara li rat l-Artikoli 261(c), 267 u 279(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 u l-Artikoli 3(1)(1A)(2)(a) u (2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena ta' karcerarja ta' sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

    2. Inoltre il-hati qed jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax (12)-il xahar mil-lum.

11. Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos

milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

12. Il-Qorti tordna li fi zmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**